FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' April, 2002**

**Numru 13**

**Avviz. numru 267/02JR**

**Aquatess Limited**

**vs**

**Josephine Nind**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avvizipprezentat fis-7 ta' Frar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u disa' liri Maltin (Lm609.00), rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tat-13 ta' settembru, 2001, 13 ta' Novembru, 2001, 9 ta' Ottubru, 2001, 13 ta' Novembru, 2001 u 14 ta' Dicembru, 2001, u bl-imghax tat-8% fuq sitt mija u disa' liri Maltin**

**(Lm609.00) mit-13 ta' Settembru, 2001, sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fil-11 ta' Marzu, 2002 li fiha intqal illi l-ammont stipulat skond l-avviz legali minghand Aquatess Limited b'data ta' Settembru, 2001 ma qabilx mal-figura taghha. Hi kkuntattjat l-ufficju minnufih u nfurmathom li ma sabet l-ebda oggezzjoni biex thallas l-ammont korrett imma certu Mario (s-salesman) ma baqax imur regolari. Hu kien ilu ma jmur xahrejn il-hanut mill-ahhar darba li hallsitu qabel l-avviz legali (fotokopja mehmuza mar-risposta). Sal-lum stess kull meta s-salesman imur il-hanut dejjem baqat tirrendi sehem mill-flus dovut.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Busuttil, Josephine Nind u Mario Camilleri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Is-socjeta` attrici qed tirreklama flus dovuti lilha skond statement li gie esebit u konfermat bil-gurament, Dok.A. Il-konvenuta qed tghid li hi ma taqbilx mal-figuri murija fl-istatement, apparti li pagamenti ma sarux peress li hi tghid li s-salesman ma marx.**
2. **Dwar li s-salesman ma marx, l-istess salesman Mario Camilleri xehed li ghalkemm kien jghaddi ghand il-konvenuta regolarment ma kienx jiltaqa' maghha regolarment, u jirrizulta li l-konvenuta kienet taghat**

**struzzjonijiet li thallsu hi u mhux impjegati taghha. Pero` dana ftit li xejn ghandu rilevanza dwar jekk l-ammont hux dovut kif mitlub.**

3. **Il-konvenuta xehedet li ghandha taghti is-somma ta' hames mija tlieta u hamsin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm553.97), pero` mhux l-ammont ta' hames mija u tmienja u sittin lira Maltija disgha u disghin centezmu (Lm568.99) li jirrizulta mill-istatement, cioe` differenza ta' hmistax-il lira Maltija u zewg centezmi (Lm15.02). Fil-fatt mill-istatement esebit jirrizulta li saru pagamenti minn meta giet prezentata l-kawza.**
4. **It-Tribunal jinnota li l-konvenuta ma gabet ebda prova dwar il-hmistax-il lira Maltija differenza dovuta. Fil-fatt il-pagamenti li saru a bazi ta' l-ammont dovut, huma in parti ammissjoni dwar l-istess.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' hames mija u tmienja u sittin lira Maltija disgha u disghin centezmu (Lm568.99) u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' hames mija u tmienja u sittin lira Maltija disgha u disghin centezmu (Lm568.99) bl-imghax legali mit-13 ta' Settembru, 2001 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tat-13 ta' Settembru, 2001, 13 ta' Novembru, 2001, 9 ta' Ottubru, 2001, 13 ta' Novembru, 2001 u 14 ta' Dicembru, 2001, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**